# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 2**

**Rikors Maħluf Numru 39/2022 NC**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs.**

**Pierre Tonna u Dorothy Tonna**

Illum 11 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-bank attur ippreżentat fis-17 ta' Jannar 2022 li jgħid hekk:

*"1. Illi l-intimati huma debituri tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' Euro 35,438.73 in kwantu għal Euro 30,899.88 rappreżentanti l-kapital u Euro 4538.85 rappreżentanti l-imgħax sat-22 ta' Marzu 2021 dovut in konnessjoni ma' Maxicredit kif ukoll l-ammont ta' Euro 110,295.35, rappreżentanti in kwantu għal*

*Euro 96,169.17 bħala kapital u Euro 14,126.18 imgħax sat-22 ta' Marzu 2021, liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' Maxicredit. Għalhekk l-ammont dovut bl-imgħax sat-22 ta' Marzu 2021 huwa Euro 145,734.08.*

*2. Illi dan l-ammont huwa dovut skond kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Elizabeth Scriha datat 16 ta' Ġunju 2005.*

*3. Illi l-intimati ma baqgħux jagħmlu dawk il-pagamenti dovuti skond il-ftehim bejn il-partijiet.*

*4. Illi għalkemm interpellati sabiex iħallsu l-ammont dovut il-intimati ma ħallsux.*

*Għaldaqstant s-soċjeta' attriċi titlob li din l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri fil-konfront tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' Euro 145,734.08 (mija ħamsa u erbgħin elf, seba' mija erbgħa u tletin Euro u tmien ċentezmi) kif fuq spjegat.*

*2. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' Euro 145,734.08 bl-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-22 ta' Marzu 2021 sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata numru 3370/18 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment kontra l-intimat [recte: intimati] li hu [recte: huma] minn issa nġjunt [recte: nġunti] għas-subizzjoni. Bl-imgħax ulterjuri skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 33) tal-25 ta' Jannar 2022 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tas-17 ta' Marzu 2022, f'liema digriet il-konvenuti ġew mogħtija għoxrin (20) jum żmien min-notifika tar-Rikors Maħluf biex iressqu r-Risposta Maħlufa tagħhom.

Rat illi minkejja li l-konvenuti Pierre Tonna u Dorothy Tonna ġew notifikati b'dawn il-proċeduri fl-14 ta' Frar 2022 (*a fol.* 34 *tergo*) huma baqgħu ma ressqu l-ebda Risposta Maħlufa.

Rat illi fis-seduta tallum dehru l-konvenuti Pierre Tonna u Dorothy Tonna assistiti mill-konsulent legali tagħhom, waqt liema seduta l-konvenuti ppreżentaw Nota fejn huma ammettew t-talbiet tal-bank attur.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawża odjerna tirrigwarda l-ammont ta' mija ħamsa u erbgħin elf, seba' mija erbgħa u tletin Euro u tmien ċentezmi (€145,734.08) dovuti mill-konvenuti lill-bank attur, liema somma hija dovuta hekk:

- l-ammont ta' €35,438.73 in kwantu għal €30,899.88 rappreżentanti l-kapital u €4538.85 rappreżentanti l-imgħax sat-22 ta' Marzu 2021 dovut in konnessjoni ma' Maxicredit u

- l-ammont ta' €110,295.35 rappreżentanti in kwantu għal €96,169.17 bħala kapital u €14,126.18 imgħax sat-22 ta' Marzu 2021 dovut in konnessjoni ma' Maxicredit.

Illi ġiet ippreżentata Nota ta' Ammissjoni tal-konvenuti Tonna fejn ammettew t-talbiet tal-bank attur.

**Ikkunsidrat**

Illi Artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-Qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha".

Illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Kimberley Joy Agius vs. Direttur tas-Sigurta' Soċjali** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) saħqet is-segwenti:

> "Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija *regina probationum* u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara **Carmelo Bonnici nomine vs. Ronald Farrugia et**, Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970."

Illi l-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li tagħmel riferenza għal dak li ngħad f'sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Grima vs. Alfred Attard et**, fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Fil-fehma tal-Qorti l-appellata għandha raġun, fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut l-ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi fuq ammissjoni u mhux tiddikjara l-mertu eżawrit".

**Ikkunsidrat**

Illi ladarba fil-każ odjern il-Qorti għandha Nota ta' ammissjoni ppreżentata mill-konvenuti Tonna, permezz ta' liema Nota ddikjaraw li kienu qed jammettu t-talbiet tal-bank attur, b'hekk la hemm qbil minn naħa tal-konvenuti fir-rigward ta' dak mitlub u dedott mill-bank attur, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tagħrbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mill-bank attur. Di fatti, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija minnha fit-22 ta' Ottubru 2021 fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs. Justin Micallef Grimaud** meta qalet hekk:

> "Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess."

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tal-bank attur u tiddikjara li l-konvenuti Pierre Tonna u Dorothy Tonna huma debituri fil-konfront tas-

soċjeta′ attriċi fl-ammont ta′ €145,734.08 (mija ħamsa u erbgħin elf, seba′ mija erbgħa u tletin Euro u tmien ċentezmi) kif fuq spjegat.

(2) Tilqa′ t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti Pierre Tonna u Dorothy Tonna sabiex iħallsu lis-soċjeta′ attriċi l-ammont ta′ €145,734.08 (mija ħamsa u erbgħin elf, seba′ mija erbgħa u tletin Euro u tmien ċentezmi) bl-imgħax legali bir-rata ta′ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-22 ta′ Marzu 2021 sad-data tal-ħlas finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Finalment, tordna wkoll li l-ispejjez kollha marbuta ma′ dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tal-bank attur jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuti Pierre Tonna u Dorothy Tonna.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**